31 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Alfred Formosa ne. *versus* Michele Gaffiero

## Azzjoni Rivendikatorja — Serq — Telf — Bwona Fede — Art. 359 (1) tal-Kodiċi Ċivili

*Għad li hu prinċipju li l-azzjoni rivendikatorja għandha ssir kontra min jippossjedi l-ħaġa rivendikata, iżda din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata anki jekk mill-ħaġa rivendikata jkun baqa' parti biss.*

*Biex tirrikorri l-bwona fede f'min jakkwista oġġett li fil-fatt kien misruq, hemm bżonn li dak li jkun ikollu s-sikurezza li f'dak li qiegħed jagħmel ma hemm ebda ingann; hemm bżonn li jkun perfettament konvint f'dan ir-rigward; u jekk ikollu anki l-iċken dubju ma jistax jingħad li jkun in bwona fede.*

*Lanqas tista' tiġi nvokata dik il-bwona fede meta ma tkunx ittieħdet il-kura neċessarja biex tkun appurata l-provenjenza tal-ħaġa li tkun qegħedha tiġi akkwistata taħt ċirkustanzi suspetti; għax ħadd ma jista' legalment japprofitta ruħu u jibbenefika mill-ħtija tiegħu stess; u jekk l-akkwirent ma kienx in bwona fede fil-mument tal-akkwist, dan hu bżżejjed biex jipprivah mill-protezzjoni tal-liġi.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi d-ditta attriċi kienet assikurat, anki kontra s-serq, motor cycle marka B.S.A. nru. 1132, ta' proprjetà ta' Salvatore Vella; peress li dan il-motor cycle ġie misruq, u ġie akkwistat mill-konvenut meta dan kien jaf, jew minħabba ċ-ċirkustanzi kellu jaħseb, li dak il-motor cycle kien ta' ħadd ieħor; u billi l-kumpannija attriċi, bis-saħħa tal-assikurazzjoni, ħallset lill-proprjetarju l-valur ta' dak il-motor cycle, jiġifieri £180; talab li

l-konvenut (1) jiġi kundannat, fi żmien qasir u perentorju, jirrestitwixxi u jikkonsenja lill-attur nomine l-motor cycle fuq indikat; u in difett (2) jiġi kundannat li jħallas lill-attur il-valur relativ kif jiġi stabbilit minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat tal-qbid tal-21 ta' April 1954, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ikkonkluda (1) illi l-konvenut Gaffiero ma kienx in bwona fede meta akkwista l-motor cycle in kwistjoni; (2) illi bl-aġir tiegħu l-konvenut poġġa ruħu fil-pożizzjoni li ma jistax jirrestitwixxi l-imsemmi motor cycle; (3) illi l-azzjoni tal-attur, in kwantu diretta għar-restituzzjoni tal-motor cycle, ma tistax tottjeni riżultat favorevoli, peress li l-istess mutur il-lum mhux rintraċċjabbli; (4) u illi l-valur tal-motor cycle fil-mument tas-serq, jew tal-akkwist da parti tal-konvenut, kien ta' £180;

Illi l-kuraturi tal-konvenut, attwalment imsiefer, ikkritikaw il-konklużjonijiet peritali; u fin-nota tagħhom fol. 50 issottomettew illi l-indaġini li trid issir hija jekk il-konvenut kienx in mala fede fil-mument li xtara l-motor cycle, u jekk huwa f'dak il-mument kien in bwona fede, bħal ma kien, il-mala fede posterjuri ma tgħodd xejn. Di pjù ssottomettew illi, ladarba l-attur kien jaf mill-ewwel li Gaffiero ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel ir-restituzzjoni materjali tal-motor cycle, għax kien rema' bċejjeċ minnu l-baħar, l-ewwel talba fiċ-ċitazzjoni hija ozjuża, u l-ispejjeż tagħha għandu jbatihom l-attur;

Illi din l-aħħar eċċezzjoni, peress li hija ta' natura proċedurali, xieraq li tiġi eżaminata qabel l-eċċezzjoni l-oħra, li tirrigwarda l-meritu. L-attur, a propożitu, fl-udjenza tad-19 ta' Jannar korrenti, xehed, in sostanza, illi huwa

kien jaf b'dak kollu li kien irriżulta fil-proċeduri kriminali kontra Saverio Attard minn qabel ma ppreżenta ċ-ċitazzjoni odjerna, u kwindi kien jaf illi l-konvenut, skond ma kien xehed f'dawk il-proċeduri, kien żamm xi biċċiet mill-motor cycle in kwistjoni u l-bqija rmihom il-baħar; u minn dawk li żamm, biċċa biegħhom u biċċa armahom fil-motor cycle qadim li kellu, li biegħ lil wieħed miż-Żurrieq; żewġ "tyres" bit-"tubes" tagħhom armahom fuq xi mutur ieħor, kif ukoll "handle bar" li ma ftakarx fejn armaħ; u "control levers" li baqgħu għand il-konvenut u li mbgħad ikkunsinna lill-Pulizija (fol. 26 proċess). Minn dan jidher illi l-konvenut, jekk ma kellux f'idejh il-partijiet kollha tal-motor cycle, kellu, fi żmien iċ-ċitazzjoni, almenu parti minnhom. Issa l-attur, fl-imsemmija xhieda tiegħu, iddikjara illi l-Kumpannija tal-Assikurazzjoni minnu rappreżentata ħallset lill-proprjetarju tal-motor cycle £180 bħala valur totali tal-istess mutur; u għalhekk għandha nteress li tirkupra minnu dak li tista', u mbgħad tbiegħ dak li tirkupra bħala "spare parts";

Illi, għad li hu prinċipju li l-azzjoni rivendikatorja (kif inhi dik esperita mill-attur) għandha ssir kontra min jippossjedi l-ħaġa (art. 359 (1) Kod. Ċiv.), iżda dina l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata anki jekk mill-ħaġa jkun fadal parti biss. "Può rivendicarsi", jgħid Pacifici Mazzoni, "non solo una cosa intera, ma anche una parte divisa o indivisa" (Dei Beni, §104). Di pjù, il-konvenut seta', "pendente lite", jerġa jiġbor u jirrikostruwixxi l-motor cycle, u b'hekk kien ikun il-possessur tal-ħaġa rivendikata skond il-liġi. Josserva a propożitu Aristide Granito:— "Se il convenuto, che non era possessore o detentore al momento in cui gli fu notificata la domanda di rivendicazione, abbia poi, pendente lite, acquistato il possesso della cosa formante oggetto di contestazione, la domanda si convalida (Digesto Italiano, Rivendicazione (azione di), §38). Issa, ladarba rriżulta li l-konvenut għad għandu f'idejh parti mill-oġġetti rivendikati, bħal ma huma l-"control levers", l-ewwel domanda ma kienetx ozjuża kif jippretendi l-konvenut;

Illi, fil-meritu, il-konvenut oppona li hu kien in bwona fede meta xtara l-motor cycle. Skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, biex tirrikorri l-bwona fede hemm bżonn li dak li jkun jkollu s-sikurezza li f'dak li qiegħed isir ma hemm ebda ingann, u li qiegħed isir leġittimament; hemm bżonn li jkollu konvinzjoni perfetta f'dan ir-rigward; u jekk ikollu anki l-anqas dubju, ma jistax jingħad li jkun "in buona fede" (Dig. Ital., "Buona Fede", §16; Bettini, Giurisp. Ital. 1884, I, sez. 2a., paġ. 695). M'bgħad, il-bwona fede ma tistax tiġi nvokata meta ma tkunx ittieħdet il-kura neċessarja biex tkun appurata l-provenjenza tal-ħaġa li tkun ġiet akkwistata taħt ċirkustanzi suspetti; u r-raġuni hija li ħadd ma jista' legalment jipprofitta ruħu u jibbenefika mill-ħtija tiegħu stess (Kollez. XXVI-I-787; XXXII-I-628);

Illi, meta wieħed jeżamina ċ-ċirkustanzi kollha li taħthom il-konvenut xtara l-motor cycle, ma jistax jikkonkludi li huwa kien "in buona fede". Difatti jirriżulta li hu xtraħ minn għand suldat bħala kważi ġdid, u sadattant, mingħajr raġuni plawsibbli, raħ żarmat kollu bċejjeċ bċejjeċ. Hu kien jaf li l-aġent ta' dawk il-motor cycles kien Emmanuele Schembri; lanqas fittex biex javviċinaħ, jekk mhux għal ħaġ'oħra, biex ikun jaf il-prezz tal-oġġett ġdid. Kien jaf ukoll li l-liċenza ma kienetx f'isem il-bejjiegħ, u għalkemm żamm il-patt tat-"transfer", ma ħasibx biex jivverifika min kien it-titolar tal-liċenza. Ma' dan għandu jiżdied li l-konvenut huwa mekkaniku u jagħmel negozji simili; sadattant hu xtara l-motor cycle bil-prezz ta' £120 oltre l-motor cycle tiegħu, li milli jidher kien imħassar, mentri l-prezz tiegħu ġdid kien jilħaq £250; liema ċirkustanzi kellhom verosimilment jiskwotu l-buona fede tal-konvenut, jew almenu joħolqu fiħ dubju dwar il-provenjenza illeċita tal-motor cycle;

Illi l-Qorti, għalhekk, taqbel mal-perit legali li l-konvenut, fil-mument tal-akkwist, ma kienx in bwona fede; u dan hu biżżejjed biex jipprivaħ mill-protezzjoni tal-liġi (Kollez, XXIX-II-153), apparti miċ-ċirkustanza illi huwa, fl-aġir

tiegħu, kien negliġenti u għandu għalhekk ibati l-konsegwenzi;

Għal dawn ir-raġunjiet;

Prevja adozzjoni tal-konklużjonijiet peritali;

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-inutilità tal-ewwel domanda, opposta mill-konvenuti kuraturi;

Tilqa' l-ewwel talba, billi tikkundanna lill-konvenuti nomine jirrestitwixxu u jikkonsenjaw lill-attur il-motor cycle hemm speċifikat; u dan fi żmien tmien tijiem mil-lum;

U, jekk jonqsu, tilqa' t-tieni talba, billi tikkundanna lill-konvenuti nomine jħallsu lill-attur is-somma ta' £180;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti nomine.